**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Prattiċi tajbin użati għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi diskussa f'Simpożju**

Simpożju organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) f'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u Familja (MEEF) iddiskuta prattiċi tajbin użati għall-implimentazzjoni tal-proċess tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi *(gender mainstreaming)*. Dan is-Simpożju kien organizzat bħala parti minn proġett ko-finanzjat mill-UE bl-isem *VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika*. Dan il-proġett hu ko-finanzjat mill-Programm PROGRESS 2007-2013.

Fil-ftuħ tas-Simpożju dwar Prattiċi Tajbin fl-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u Familja Dolores Cristina, spjegat li flimkien mal-NCPE l-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u Familja qed iħabbar dan l-impenn konġunt biex isiru aktar passi fl-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-amministrazzjoni pubblika. Din l-inizjattiva tfittex li ssaħħaħ aktar il-konoxxenza u l-għarfien dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Ministru Dolores Cristina spjegat ukoll kif l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi hi għodda indispensabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi. L-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi tinvolvi li l-fattur tal-opportunitajiet indaqs jiddaħħal fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-*policies*, miżuri u azzjonijiet li jittieħdu.

Fid-diskors introduttorju tagħha, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE Dr Romina Bartolo, elenkat kif il-prattika tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi żviluppat fl-Unjoni Ewropea mill-1957 sal-lum. Dr Bartolo qalet li d-diversi passi li ttieħdu f'dan il-qasam matul dawn is-snin ilkoll ikkontribwixxew biex ikomplu jsaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli differenti. Madanakollu, Dr Bartolo tenniet li minkejja dawn l-avvanzi, hemm aktar sfidi li jridu jiġu indirizzati fis-snin li ġejjin.

Dr Roberta Lepre, responsabbli mit-*Team* ta' Konsulenza ta' *VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika*, tat introduzzjoni ġenerali għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi billi fissret li din tikkonsisti fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru f'kull stadju tal-proċess ta' *policy* – jiġifieri fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħha – bil-għan li tingħata promozzjoni lill-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea
Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soċjali - PROGRESS
(2007-2013)

L-informazzjoni f'dan id-dokument mhux neċessarjament trirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Id-document jirrifletti l-opinjoni ta' l-awtur, u il-Kummissjoni m'hijiex responsabbli għal użu li jista' jsir minn din l-informazzjoni.

Is-Simpożju dwar Prattiċi Tajbin fl-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi inkluda l-kontribut ta' esperti barranin f'dan il-qasam wara Sejħa għall-Kelliema li kienet ħarġet mill-NCPE. Il-Kap tal-*Policy* ma' *Think Tank for Action on Social Change* mwaqqaf fl-Irlanda, is-Sra. Sinead Pentony, ippreżentat diskors li fih uriet kif deċiżjonijiet li ttieħdu bħala parti minn proċess baġitarju kkontribwixxew direttament għal ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u b'mod partikolari għal ugwaljanza fil-qasam ekonomiku. Diskors ieħor kien ippreżentat mis-Sra. Friedel Schreyogg, li inkluda diskussjoni dwar l-implimentazzjoni ta' proġett tal-UE bl-isem '*Gender Alp!*' fil-pajjiżi tar-Reġjun tal-Alpi.

L-għan ta' dan is-Simpożju kien li jissaħħaħ l-għarfien komuni dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-benefiċji li joħorġu minn prattiċi tajbin li jsiru. Minn din l-attività ħareġ mhux biss il-metodu tal-implimentazzjoni ta' dawn il-prattiċi tajbin, iżda wkoll il-benefiċċji li jkun hemm.

Il-proġett *VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika* ifittex li jħarreġ kemm lill-ħaddiema pubbliċi kif ukoll lill-korpi interessati biex ikun stabbilit livell komuni ta' għarfien dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Parti sostanzjali tal-proġett tinvolvi riċerka, li se tkun tinkludi żewġ studji u analiżi tal-impatt tal-ġeneru f'erba' *policies*. Dan il-proġett se jipprovdi wkoll numru ta' għodod, li jinkludu Lista Prattika dwar l-integrazzjoni tal-principju tal-ugwaljanza bejn is-sessi għal proġetti infrastrutturali; gwida pass-pass għal metodi ta' assessjar dwar l-impatt tal-ġeneru; Lista Prattika dwar l-analiżi tal-impatt tal-ġeneru fl-Azzjoni Governattiva; u *factsheet* dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Għal aktar tagħrif, ġentilment agħmel kuntatt mal-NCPE fuq equality@gov.mt jew 2590 3850.

**It-Tlieta 26 ta' Lulju, 2011**

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea
Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soċjali - PROGRESS
(2007-2013)

L-informazzjoni f'dan id-dokument mhux neċessarjament trirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Id-document jirrifletti l-opinjoni ta' l-awtur, u il-Kummissjoni m'hijiex responsabbli għal użu li jista' jsir minn din l-informazzjoni.